MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 108/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fit-tlettax (13) ta' Novembru, tas-sena elf, disa' mija u disa` u disghin (1999) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument A) u miz-zwieg taghhom twieldet tifla minuri, Nina nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002);
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor

Remigo Zammit Pace fil-hdax (11) ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument B);

3. Illi jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni illi fir-rigward ta’ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu qablu illi l-esponent ihallas manteniment lil martu fl-ammont ta’ Lm 850 (ekwivalenti ghal Euro 1, 979.97) fix-xahar u dan in kwantu ghal LM300 (ekwivalenti ghal Euro 698.82) ghall-bzonnijiet tal-minuri u LM 550 (ekwivalenti ghal Euro 1,281.15) ghall-bzonnijiet tal-intimata u liema ammonti ghandhom jibqghu jizdiedu kull sentejn u dana skont l-indici tal-gholi tal-hajja hekk kif ippublikat u rivedut mill-Gvern ta’ Malta (Artikolu hamsa (5) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat fil-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Dawn l-arrangamenti dwar il-manteniment kellhom jibqghu in vigore sakemm il-minuri taghlaq tmintax (18)-il sena.

4. Illi rigward tali obbligi tal-hlas tal-manteniment, jirrizulta wkoll mill-imsemmi kuntratt, illi l-konjugi kienu qablu li r-rikorrenti jhallas il-kirja mensili tal-intimata fl-ammont ta’ Lm 275 (ekwivalenti ghal Euro 640.58) u dana sal-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu, tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Artikolu sitta (6) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat fil-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007);

5. Illi di piu`, ir-rikorrenti obbliga ruhu wkoll illi appena l-minuri tottjeni l-eta` ta’ tmintax-il sena, il-manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri ser jieqaf filwaqt illi l-manteniment li jithallas lill-intimata jsir LM 600 (ekwivalenti ghal Euro 1,397.62) f’rati mensili mhallsa bil-quddiem kull ewwel gurnata tax-xahar u dan taht kondizzjoni illi tali manteniment jitwaqqaf f’kaz li l-intimata tiddeciedi li tikkoabita ma’haddiehor jew terga tizzewweg. Dan l-ammont ser jibqa` jizdied kull sentejn u dana skont l-indici ufficcjali tal-gholi tal-hajja hekk kif ippubblikat u rivedut mill-Gvern ta’ Malta (Artikolu tmienja (8) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fil-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007);

6. Illi r-rikorrenti obbliga ruhu wkoll li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez medici u dawk relatati mal-istudji tal-minuri Nina u dana sakemm l-imsemmija minuri tottjeni l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena (Artikoli disgha (9) u ghaxra (10) tal-

istess kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fil-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007));
7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
8. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikoli 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta, dina l-Qorti m’ghandhiex :

1. Prevja s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Dicembru 2007 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------